# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

**Illum, il-Hamis 21 ta' Gunju, 2001.**

**Kawza Nru. 16.**
**Citazz. Nru. 2546/00 JRM**

**Camillo CASANO fil-kwalita' tieghu ta' legittimu rappresentant ta' bintu minorenni Antonina Christine CASANO, ghan-nom u in rappresentanza tal-istess**

**vs**

**Id-DIRETTUR tar-REGISTRU PUBBLIKU**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fl-1 ta' Dicembru, 2000, li bih l-attur *nomine* ppremetta:

Illi fic-certifikat tat-twelid ta' Antonina Christine Casano, iskritt fir-Registru Pubbliku bin-numru ta' Iskrizzjoni 3741/1996 (hawn anness u mmarkat Dok. A fl-inkartament), fil-kolonna indikattiva tal-hin, jum, xahar u sena ta' twelid, id-data tat-twelid taghha giet erroneament imnizzla bhala "Wed. 03 April 1996";

Illi fil-fatt Antonina Christine Casano twieldet it-Tlieta 2 ta' April 1996, kif jirrizulta ukoll minn certifikat tat-twelid taghha mahrug mill-Comune Di Licata Sqallija Italja, fejn fil-fatt twieldet (hawn anness u mmarkat Dok. B fl-Inkartament);

Illi l-attur *nomine* ghandu interess illi ssir id-debita korrezzjoni;

Ghalhekk l-attur *nomine* talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tordna lill-konvenut sabiex jikkoregi c-certifikat minnu ricevut fit-13 ta' Settembru 1996, li jgib in-numru ta' Iskrizzjoni 3741/1996, liema certifikat jirreferixxi ghal Antonina Christine Casano, fis-sens illi fil-kolonna indikattiva tal-hin, jum, xahar u sena ta' twelid, id-data "Wed. 03 April 1996" tigi kancellata u sostitwita bid-data "Tues. 02 April 1996";

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur nomine, flimkien mal-Inkartament tal-Avukat ghall-Ghajnuna Legali maghha mehmuz;

Rat in-Nota tal-imharrek tas-7 ta' Frar, 2001, li biha eccepixxa:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif dikjarati fic-citazzjoni odjerna u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-atti tat-twelid numru 3741/1996 mhuwhiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imharrek;

Semghet ix-xiehda tal-attur nomine;

Semghet lill-avukati tal-partijiet;

Rat l-Avviz ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ghall- finijiet tal-artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghal liema avviz ma trsseqet ebda kontestazzjoni fiz-zmien stabilit mil-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza, b’mod partikolari d-dokumenti mehmuzin mal-Inkartament tal-Avukat ghall-Ghajnuna Legali;

Rat id-Degrieti taghha tal-5 t’April, 2001, u tal-31 ta’ Mejju, 2001, li bihom halliet il-kawza ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-attur qieghed jitlob li l-Att tat-Twelid ta’ bintu jissewwa ghaliex hi twieldet f’jum iehor minn dak muri fl-imsemmi Att;

Illi jidher li l-minuri twieldet f’Licata, Sqallija, fl- Italja, fit-tnejn (2) t’April, 1996, [Dok “B” mal-inkartament tal-Avukat ghall-Ghajnuna Legali];

Illi t-twelid taghha gie registrat f’Malta f’Settembru ta’ dik l-istess sena, fuq talba tal-omm, liema Att tat-Twelid igib in-numru 3741/96 [Dok. “A” f’pagna 7 tal-process] u li dwaru qeghda ssir it-talba ghat-tiswija. Illi fl-imsemmi Att jinghad li l-original li

minnu ttiehed it-taghrif muri fl-Att jikkonsisti f'kopja vera ta' certifikat mahrug mir-Registru tat-Twelid tal-Komun ta' Licata, liema kopja kienet moghtija minn omm tat-tarbija nnifisha lill-ufficjal tar-Registru Pubbliku ta' Malta;

Illi waqt is-smigh tal-kawza, irrisulta li, ma kinitx omm it-tarbija li talbet ir-registrazzjoni, izda missier l-omm [ara xhieda ta' Joseph Micallef f'pagna 33 tal-process];

Illi huwa evidenti li xi taghrif iehor muri fl-Att tat-Twelid tal-minuri nghata minn min talab ir-registrazzjoni tat-twelid, ghaliex it-taghrif muri fl-estratt tac-certifikat mahrug mill-awtorita' kompetenti taljana ma kienx lanqas biss isemmi min huma l-genturi tat-tarbija;

Illi matul is-smigh, minbarra x-xhieda tal-attur li assista ghat-twelid u martu li welldet u missierha li kien tela' hdejha minn Malta qrib id-data tat-twelid, tressqu wkoll provi ohra dokmentali li jixhdu kif tassew il-minuri twieldet fit-tieni jum t'April u mhux fit-tielet jum;

Illi d-dokumenti li ghadhom kif issemmew u kif ukoll id-Dokument "B" mehmuz mal-inkartament huma, ghall-finijiet tal-artikolu 628 tal-Kap 12, ammissibbli bhala prova bla htiega tal-awtenticita' taghhom;

Illi ghalhekk, mill-provi kollha migbura, jidher li tassew sar zball fir-registrazzjoni tat-twelid tal-minuri u dawn il-provi m'huma bl-ebda mod imxejnin minn xi prova kuntrarja ohra;

Illi dwar il-kwestjoni ta' min jahti ghal dan l-izball, il-Qorti qieset sewwa dak li nghad quddiemha mix-xiehda u dak li semmiet izjed qabel dwar it-taghrif muri fuq l-att. B'mod parikolari ssib li t-taghrif li dwaru sar zball kien moghti fuq dokument mitbugh li l-original tieghu jinghad li huwa mehmuz mal-orignal tal-Att tat-Twelid. Jekk l-original kien juri d-data li giet fil-fatt registrata, kien jaqa' fuq l-imharrek li juri li dan kien il-kaz, billi jressaq

imqar fotokopja awtentikata ta' c-certifikat li nghata lir-Registru Pubbliku;

Illi l-imharrek ma ghamel xejn minn dan, u allura l-presunzjoni hi li jekk il-kopja li r-Registru nghata kienet kopja fidila tac-certifikat tat-twelid mahrug mill-awtorita' taljana, id-data fuq dik il-kopja hija t-tnejn (2) t'April u mhux it-tlieta (3) t'April;

Illi, ghalhekk, il-fatt lin-nannu tat-tarbija naqas li jaqra b'reqqa x'kitbet l-impjegata tar-Registru u jikkonferma t-taghrif imnizzel ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-impjegata kellha taghrif miktub mahrug minn ghejjun ufficjali u kellha d-dmir li tnizzel fedelment dak it-taghrif;

Illi, minbarra dan, l-Att tat-Twelid jidher li fih ukoll dikjarazzjoni li ma taqbilx mal-fatti ghaliex intwera li kien missier l-omm u mhux l-omm li talbet ir-registrazzjoni tat-twelid f'Malta. Dan jitfa' hjiel mhux traskurabbli li bhalma tnizzel dan il-fatt, daqstant facilment seta' tnizzel bi zball il-jum tat-twelid it-tarbija, u dan minghajr ma kien indott minn min mar jaghmel ir-registrazzjoni;

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda taqta' din il-kawza billi:

Filwaqt li **tichad it-tieni eccezzjoni tal-imharrek**, **tilqa' t-talba attrici** u tiddikjara li l-Att tat-Twelid numru 3741/96 dwar Antonina Christine Casano fih zball billi taht l-intestatura "*Twelid – Il-hin, il-jum, ix-xahar u s-sena*" il-frasi "Wed. 03" ghandha tkun taqra "Tue. 02";

Tordna li l-frasi "Wed. 03" titnehha u tidhol minflokha l-frasi "Tue. 02" fl-imsemmija intestatura ta' dak l-Att;

Tordna wkoll, ghall-finijiet tal-artikolu 256 tal-Kodici Civili, li l-imharrek jigi notifikat b'kopja vera ta' din is-sentenza u li, fi zmien imsemmi minn dak l- artikolu, jaghmel it-tiswija ordnata bis-sahha ta' din is-sentenza fl-imsemmi Att tat-Twelid; u

Tikkundanna lill-imharrek ihallas l-ispejjez tal-kawza kif jipprovdi l-artikolu 921 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**21 ta' Gunju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Gunju, 2001.**